# IL-ĦAMES PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
# (Sede Inferjuri)

**30 ta' April, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin) (Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Robert Spiteri

*Omissis*

Louis Mallia

## Dikjarazzjoni tal-Fatti fil-qosor fir-Rikors ta' l-Appell

*Il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tan-Nullità tar-Rikors ta' l-Appell fuq bażi li ma kienx fih dikjarazzjoni tal-fatt fil-qosor: għalkemm il-paragrafu kien qasir u sommarju kemm jista' jkun, il-Qorti fehmet illi l-essenzjali kienu fir-Rikors.*

Il-Qorti: – Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tad-19 ta' Frar, 1988, fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Charles Galea) kontra Robert Spiteri, *Omissis,* Louis Mallia fuq l-imputazzjoni

talli fit-18 ta' Novembru, 1986 matul il-ġurnata, ikkommettew serq ta' diversi oġġetti kif ukoll flus, li b'kollox jammontaw għassomma ta' Lm229 mill-fond numru 25 Triq San Filippu, Birżebbuġa għad-dannu ta' Mohammed Rahel, liema serq hu aggravat bi vjolenza numerika, bil-mezz kif ukoll bl-ammont, barra minn dan (b) volontarjament għamlu ħsara fil-bieb ta' barra ta' l-imsemmi fond, liema ħsara ma taċċedix l-Lm10. Louis Mallia talli kiser il-kondizzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tat-28 ta' Lulju, 1986 fejn tpoġġa taħt l-artikolu 9 ta' l-Att XII/57 għall-perijodu ta' 18-il xahar; li biha sabet lill-imputati ħatja ta' l-akkużi dedotti kontra tagħhom, barra mill-aggravju ta' l-ammont, u wara li rat l-artikoli 261 (a.b.c.e.), 262 (1,b); 263 (a); 264 (1); 265; 267; 269 (g); 276; 277 (b); 279 (a); 280 (2); 325 (3) u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

Ikkundannat lil Robert Spiteri in vista tal-kondotta tiegħu, ikkundannatu għal sena priġunerija, li minnu jrid jitnaqqas il-perijodu li għamel taħt arrest preventiv, in konnessjoni ma' dana r-reat;

Lil Louis Mallia, in vista tal-kondotta tiegħu, għall-sena u nofs priġunerija, u li minnhom iridu jitnaqqsu l-perijodu li għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn ir-reati; u dwar l-akkużi l-oħra ddikjarat estint il-provvediment tal-*probation* fuq riferit; u wara li rat l-artikoli 261 (BC), 263, 264, 266, 267, 268 (2) u 280 (2) tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu fuq dawk l-akkużi sena priġunerija oħra;

Ordnat ukoll lill-imputati jħallsu terz kull wieħed ta' l-ispejjeż inkorsi man-nomina tal-periti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi fit-23 ta' Settembru, 1988, Dr. Silvio Camilleri għall-Avukat Ġenerali kien eċċepixxa n-nullità tar-rikors ta' l-appell ta' l-appellanti peress li ma fihx dikjarazzjoni tal-fatti fil-qosor kif rikjest mil-liġi fl-art. 419(1) (a) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors ta' l-appell u rat illi t-tielet paragrafu tiegħu huwa preċiż f'dan il-kliem: "Illi l-fatti fil-qosor kienu: illi saret serqa kif spjegat ta' oġġetti li jiswew flimkien mal-flus Lm229, u fl-istess waqt saret ħsara fil-bieb ta' barra tal-fond 25 Triq San Filippu, Birżebbuġa";

Ikkunsidrat:

Illi veru li dan il-paragrafu huwa qasir u sommarju kemm jista' jkun, però l-Qorti tifhem illi l-essenzjali qegħdin hawnhekk. Il-fatti essenzjali tas-serq u tal-ħsara u ta' l-aggravji tas-serq jirriżultaw;

Konsegwentement il-Qorti tifhem li m'għandhiex tasal għan-nullità tar-rikors ta' l-appell a bażi ta' l-eċċezzjoni imqanqla mill-għaref prosekutur. Konsegwentement jidher li l-kawża għandha titkompla għall-eżitu finali tagħha minn dan il-pont 'il quddiem.